**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2020**

P9_TA(2020)0373

# Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (2020/2767(RSP))**

(2021/C 445/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha dwar id-dritt għall-edukazzjoni,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, b'mod partikolari l-Għan 4 u l-miri tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat mill-Kunsill, il-Parlament u l-Kummissjoni f'Novembru 2017, u b'mod partikolari l-prinċipji 1 tiegħu dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja u l-prinċipju 4 tiegħu dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Lulju 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020)0275) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha (SWD(2020)0123),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Mapping of VET graduate tracking measures in EU Member States" (Immappjar tal-miżuri ta'stħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati tal-VET fl-Istati Membri tal-UE),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Qafas ta' Referenza Ewropew għall-Assigurazzjoni tal-Kwalità għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (EQAVET) ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ECVET) ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2020 dwar il-ġlieda kontra l-kriżi tal-COVID-19 fl-edukazzjoni u t-taħriġ,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-iżvilupp ulterjuri taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni biex jiġu appoġġati sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ orjentati lejn il-futur ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 dwar Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (COM(2020)0274) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjawha (SWD(2020)0121) u (SWD(2020)0122),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 dwar l-Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażagħ: Pont għall-Impjiegi għall-Ġenerazzjoni li Jmiss (COM(2020)0276),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Pont għall-Impjiegi – Tissaħħaħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ" u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (COM(2020)0277),

([1]) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 1.
([2]) ĠU C 155, 8.7.2009, p. 11.
([3]) ĠU C 389, 18.11.2019, p. 1.
([4]) ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni (COM(2020)0625) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha (SWD(2020)0212),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027 – Tfassil mill-ġdid tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-era diġitali (COM(2020)0624) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha (SWD(2020)0209),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2018 dwar il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali (COM(2018)0022),

— wara li kkunsidra l-qafas ta' kooperazzjoni politika Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020),

— wara li kkunsidra l-Qafas Ewropew għall-Kompetenza Ewlenija Personali, Soċjali u tat-Tagħlim kif Titgħallem (LifeComp),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' sinteżi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) tal-15 ta' April 2020 ibbażat fuq informazzjoni pprovduta mill-komunità tal-esperti dwar l-apprendistat tas-Cedefop u bit-titolu "How are European countries managing apprenticeships to respond to the COVID-19 crisis?" (Il-pajjiżi Ewropej kif qed imexxu l-apprendistati biex jirrispondu għall-kriżi tal-COVID-19?),

— wara li kkunsidra r-rapport tas-Cedefop tal-2020 bit-titolu "Vocational education and training in Europe, 1995-2035 – Scenarios for European vocational education and training in the 21st century" (L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa, 1995-2035 – Xenarji għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali Ewropej fis-seklu 21),

— wara li kkunsidra s-sensiela ta' seba' dokumenti ta' riċerka tas-Cedefop bit-titolu "The changing nature and role of vocational education and training in Europe" (Il-tibdil fin-natura u fir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa),

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tas-Cedefop tal-2013 bit-titolu "Benefits of vocational education and training in Europe for people, organisations and countries" (Il-benefiċċji tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-Ewropa għan-nies, l-organizzazzjonijiet u l-pajjiżi),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ottubru 2020 dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2018 dwar il-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni fl-UE ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 dwar aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2016 dwar politiki dwar il-ħiliet għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ ([8]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar il-programm Erasmus+ u strumenti oħra sabiex titrawwem il-mobilità fl-ETV – approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja ([9]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-Istrateġija Ewropa 2020 ([10]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni leġiżlattiva tiegħu tal-20 ta' Mejju 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 85/368/KEE dwar it-tqabbil tal-kwalifiki tat-taħriġ professjonali bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea ([11]),

— wara li kkunsidra l-istudju tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi tas-6 ta' Mejju 2020 bit-titolu "VET in a time of crisis: Building foundations for resilient vocational education and training systems" (Il-VET fi żmien ta' kriżi: Nibnu pedamenti għal sistemi reżiljenti ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali),

([5]) Testi adottati, P9_TA(2020)0267.
([6]) ĠU C 28, 27.1.2020, p. 8.
([7]) ĠU C 337, 20.9.2018, p. 135.
([8]) ĠU C 11, 12.1.2018, p. 44.
([9]) ĠU C 58, 15.2.2018, p. 65.
([10]) ĠU C 380 E, 11.12.2012, p. 67.
([11]) ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 119.

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2020**

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżistenza (O-000068/2020 – B9-0027/2020 u O-000069/2020 – B9-0028/2020),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 136(5) u 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

A. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) huma parti essenzjali tas-sistemi edukattivi u ta' tagħlim tul il-ħajja Ewropej, li jgħammru liż-żgħażagħ u lill-adulti bl-għarfien, il-konoxxenza, il-ħiliet u l-kompetenzi li jeħtieġu għall-impjieg; billi l-VET jipprovdu madwar nofs il-gradwati tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell fl-Unjoni Ewropea; billi l-VET jistgħu jkunu kruċjali biex jiġu indirizzati l-isfidi kkawżati miż-żieda fix-xejriet makro u t-tranżizzjonijiet futuri, u jistgħu jkunu kruċjali biex titnaqqas id-diskrepanza dejjem tikber fil-ħiliet fis-suq tax-xogħol tal-UE;

B. billi skont is-Cedefop, madwar żewġ terzi tal-Ewropej (68 %) jaħsbu li l-edukazzjoni vokazzjonali fl-istadju tal-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell għandha perċezzjoni pożittiva f'pajjiżhom, filwaqt li ftit anqas minn kwart (23 %) jgħidu li għandha perċezzjoni negattiva ([12]);

C. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom ukoll rwol ċentrali fl-integrazzjoni tal-persuni fis-soċjetà u fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fil-proċess politiku, u b'hekk jgħinu biex tinbena l-inklużjoni kif ukoll iċ-ċittadinanza demokratika u attiva;

D. billi l-VET jistgħu jagħtu spinta lill-iżvilupp professjonali tal-istudenti u tal-ħaddiema, lill-prestazzjoni tal-kumpaniji, lill-kompetittività, ir-riċerka u l-innovazzjoni u huma aspett ċentrali ta' politika dwar l-impjiegi u soċjali ta' suċċess;

E. billi l-VET fl-Ewropa huma diversi ħafna u mhumiex attraenti bl-istess mod għall-istudenti kollha; billi s-sistemi u l-inizjattivi nazzjonali jeħtieġ li jkunu aktar kompatibbli u interkonnessi fil-livell tal-UE; billi l-Kummissjoni u l-politiki tal-UE jista' jkollhom rwol importanti biex jappoġġjaw u jikkoordinaw l-azzjonijiet tal-Istati Membri dwar il-VET fil-livell tal-UE; billi r-rwol tan-networks u s-sħubijiet transnazzjonali u nazzjonali tal-fornituri tal-VET huwa kruċjali fit-tixrid tal-aġenda politika tal-VET u l-aħjar prattika tal-UE;

F. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali (IVET) m'għadhomx jitqiesu biss bħala perkors vokazzjonali, iżda bħala perkors alternattiv għar-rotta akkademika li fih bosta elementi ta' edukazzjoni akkademika li, fl-aħħar mill-aħħar, jista' jwassal għal livell terzjarju, edukazzjoni universitarja; billi fil-pajjiżi fejn is-sistema doppja hija stabbilita sewwa, il-perkors vokazzjonali dejjem għaqqad l-esperjenza prattika fuq il-post tax-xogħol mal-istudju akkademiku fil-klassi;

G. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kontinwi (CVET) huma essenzjali biex jintlaħqu l-objettivi soċjali u ekonomiċi tal-UE; billi s-CVET itejbu l-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja, isaħħu l-impjegabbiltà tagħhom u jżidu l-impjiegi fl-Ewropa;

H. billi s-sistemi Ewropej tal-VET qed jiffaċċjaw sfidi importanti; billi dawn is-sistemi jeħtieġ li jkunu mgħammra bil-kapaċità li jadattaw għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali li qed jevolvu b'pass mgħaġġel, għall-iżviluppi teknoloġiċi, il-bidliet okkupazzjonali u l-bidla għal impjiegi b'ħiliet aktar għoljin, il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol dejjem jinbidlu, l-indirizzar tan-nuqqasijiet attwali fil-ħiliet u l-evitar ta' dawk futuri, il-mudelli ġodda ta' negozju, il-forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol, ix-xejriet demografiċi, il-koeżjoni u l-iżviluppi infrastrutturali; billi l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom u l-appoġġ tagħhom biex joħolqu l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-VET sabiex jadattaw malajr għal dawn l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' ħiliet fis-suq tax-xogħol;

I. billi l-pajjiżi li għandhom programmi ta' taħriġ vokazzjonali mfassla tajjeb isibuha aktar faċli biex jevitaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ, anke fi żminijiet ta' kriżi; billi skont l-analiżi mill-IZA Institute of Labor Economics, il-pajjiżi li għandhom sistema ta' taħriġ vokazzjonali doppja rnexxielhom jaffromtaw aħjar il-kriżi ekonomika tal-2008 u l-effetti tagħha fuq iż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol; billi r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ f'pajjiżi mingħajr sistema ta' VET doppja żdiedet b'mod sinifikanti f'dak iż-żmien ([13]);

([12]) Cedefop, *European public opinion survey on vocational education and training* (Stħarriġ Ewropew tal-opinjoni pubblika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali), 2017.

([13]) Eichhorst, W., *Does vocational training help young people find a (good) job?* (It-taħriġ vokazzjonali jgħin liż-żgħażagħ isibu impjieg (tajjeb)?), IZA Institute of Labor Economics.

J. billi minkejja l-isforzi li qed isiru biex jiġi stabbilit Qafas Ewropew tal-Kwalifiki kkoordinat u l-iżvilupp ta' oqfsa nazzjonali tal-kwalifiki, bosta ħaddiema mobbli fl-UE jsibu diffikultajiet biex il-ħiliet u t-taħriġ tagħhom jiġu rikonoxxuti u biex isibu impjieg ekwivalenti fi Stati Membri oħra;

K. billi s-sistema doppja normalment ma tipprovdix il-possibbiltà li l-proċess edukattiv jitkompla fil-livelli kollha; billi s-sistema doppja trid tkun flessibbli u tkun kapaċi tirrispondi għall-bidliet fis-suq tax-xogħol u għall-impjiegi ġodda, li għadhom mhumiex magħrufa;

L. billi l-internships u t-taħriġ vokazzjonali ma' impjegaturi barranin fil-programm Erasmus+ għandhom impatt sinifikanti fuq l-appoġġ lill-istudenti u l-gradwati tal-iskejjel vokazzjonali u tekniċi biex isibu impjieg u biex jiżviluppaw il-kompetenzi meħtieġa fis-suq tax-xogħol, inklużi l-lingwa, il-lingwa professjonali u l-ħiliet soċjali;

M. billi l-pandemija tal-COVID-19 poġġiet kemm l-attivitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll l-edukazzjoni standard b'mod ġenerali, taħt pressjoni sinifikanti, u interrompiet it-tagħlim kemm fil-postijiet tax-xogħol kif ukoll fil-klassijiet; billi l-pandemija kienet partikolarment ta' tfixkil għat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, inklużi l-apprendistati u l-iskemi ta' taħriġ ħafna drabi b'għadd konsiderevolment imnaqqas ta' preżenzi, offerti u studenti ġodda; billi l-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 joffru wkoll opportunità biex titnieda rivoluzzjoni diġitali u teknoloġika fil-VET, li tista' tkisser l-ostakli fiżiċi, fejn possibbli, u żżid b'mod sinifikanti l-firxa u l-impatt tagħha fuq ir-riżultati mistennija;

N. billi f'ħafna setturi, it-taħriġ permezz ta' apprendistat, huwa affettwat bil-kbir mill-għeluq tal-kumpaniji u x-xogħol b'ħinijiet iqsar;

O. billi huwa probabbli li ż-żgħażagħ se jbatu b'mod sproporzjonat mill-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 f'termini ta' qgħad; billi f'Awwissu 2020, wara li żdied malajr fix-xhur preċedenti, il-qgħad fost iż-żgħażagħ kien ilaħħaq 17,6 % fl-UE u 18,1 % fiż-żona tal-euro (meta mqabbel ma' 14,1 % u 15,4 % rispettivament f'Awwissu 2019) u billi huwa mistenni li jiżdied aktar fil-futur qrib u jżomm lil ħafna żgħażagħ maqbuda f'forom prekarji u mhux standard ta' impjieg jew inattività bi protezzjoni soċjali insuffiċjenti; billi l-UE trid tagħmel il-qgħad fost iż-żgħażagħ u dawk barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) waħda mill-prijoritajiet politiċi ewlenin biex jiġi evitat li tinħoloq "ġenerazzjoni mitlufa" oħra b'konsegwenza tal-kriżi attwali, li se jkollha wkoll effett detrimentali fuq is-saħħa mentali u l-ħajja ta' miljuni ta' żgħażagħ; billi l-VET huma fattur ewlieni biex l-istudenti jiġu mħejjija għal soċjetajiet demokratiċi u biex jidħlu u jipparteċipaw b'suċċess fid-dinja tax-xogħol;

P. billi l-iżviluppi soċjoekonomiċi reċenti u l-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 żiedu l-inugwaljanzi soċjali u enfasizzaw il-ħtieġa li s-sistemi tal-VET isiru mhux biss aktar effiċjenti iżda wkoll aktar aċċessibbli u inklużivi fir-rigward tal-gruppi vulnerabbli u l-persuni f'żoni rurali jew remoti; billi l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd huma fundamentali; billi l-aċċess għall-kompjuters, konnessjoni broadband, l-appoġġ diġitali u għodod teknoloġiċi oħra tat-tagħlim huma kruċjali, mhux biss għall-fornituri tal-VET iżda wkoll għall-istudenti, sabiex jiġi evitat li l-inugwaljanzi jkomplu jikbru u jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura;

Q. billi 60 miljun adult fl-UE għandhom livell baxx ta' kwalifiki; billi skont is-Cedefop, hemm 128 miljun adult fl-UE li għandhom livell baxx ta' edukazzjoni, ħiliet diġitali baxxi jew ħiliet konjittivi baxxi jew li għandhom livell medju-għoli ta' edukazzjoni iżda huma f'riskju ta' telf tal-ħiliet u ta' obsolexxenza tal-ħiliet u għalhekk jeħtieġu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid; billi sistemi ta' VET imfasslin tajjeb u inklużivi huma ta' importanza strateġika biex jiżdiedu l-kompetenzi u l-ħiliet tal-istudenti kollha u biex jiġi appoġġjat l-aċċess għall-opportunitajiet ta' impjieg ta' kwalità;

R. billi fl-2017, 4,3 % tal-istudenti fl-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell fl-UE segwew programmi vokazzjonali, b'dan is-sehem jilħaq 47,8 % għall-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell u 92 % għall-edukazzjoni postsekondarja mhux terzjarja; billi fl-2017, 46,7 % tal-gradwati kollha mill-programmi vokazzjonali fl-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell fl-UE kienu nisa ([14]);

([14]) Eurostat, *Statistika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali*, data estratta f'Settembru 2020.

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2020**

S. billi fil-VET bħal fl-edukazzjoni, il-kriżi tal-COVID-19 enfasizzat xi sfidi u limitazzjonijiet tat-tagħlim mill-bogħod f'oqsma tekniċi u relatati mal-kontenut;

T. billi hemm ir-riskju li t-tagħlim mill-bogħod iżid ir-rati tat-tluq mill-iskola għall-istudenti vulnerabbli u għalhekk irid jibqa' komplement pjuttost milli alternattiva għat-tagħlim konvenzjonali;

U. billi la hemm definizzjoni maqbula u lanqas fehim komuni tal-mikrokredenzjali fil-VET fil-livell tal-UE; billi l-mikrokredenzjali għandhom jitqiesu bħala komplementari għall-kwalifiki sħaħ u rikonoxxuti bħala prova ta' kisbiet sinifikanti u ta' kwalità għolja, ibbażati fuq standards dwar il-metodu ta' twassil, il-proċedura tal-assessjar u t-tul ta' żmien;

V. billi fl-2015, kważi terz (30,5 %) tal-kumpaniji kollha b'10 persuni jew aktar impjegati fl-ekonomija tan-negozju tal-UE-28 ipprovdew IVET, għalkemm dan il-proporzjon kien ivarja ħafna bejn Istati Membri ([15]);

W. billi fl-2015, 72,6 % tal-kumpaniji li jimpjegaw 10 persuni jew aktar fl-UE-28 ipprovdew CVET lill-persunal tagħhom; billi dan kien ifisser żieda fuq l-2005 u l-2010, meta l-proporzjonijiet korrispondenti kienu 59,7 % u 65,7 % ([16]);

X. billi l-impatt tal-IVET u tas-CVET fuq l-eżiti tas-suq tax-xogħol spiss jirrifletti effetti aggregati diretti jew indiretti fuq il-produttività individwali; billi l-eżiti ewlenin enfasizzati mill-pajjiżi huma parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol, anqas qgħad, l-opportunità li tinkiseb kwalifika għall-kategoriji kollha li qabel ma kellhomx waħda, u l-possibbiltà li wieħed javvanza f'ġerarkija professjonali; billi permezz tat-tagħlim tul il-ħajja, l-individwi jistgħu jtejbu l-opportunitajiet tax-xogħol u l-livelli ta' kwalifika tagħhom, li jwassal għal remunerazzjoni ogħla u outputs ekonomiċi u soċjali akbar, bħall-awtonomija ekonomika, u jistgħu wkoll itejbu l-benesseri psikoloġiku ([17]);

Y. billi l-IVET u s-CVET għandhom impatt dirett fuq il-bidliet ġenerazzjonali u s-sitwazzjoni tal-familji;

Z. billi l-IVET u s-CVET jgħinu biex il-kumpaniji u l-innovazzjoni jsiru aktar effettivi;

1. Jissottolinja li l-VET, b'mod partikolari permezz tal-enfasi tagħhom fuq il-prattika u t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, għandhom rwol vitali f'suq tax-xogħol orjentat lejn tranżizzjoni ġusta u li jinsab f'bidla kostanti; jissottolinja li l-VET, jekk ikunu orjentati lejn il-kwalità, jistgħu joffru għarfien, ħiliet u kompetenzi rilevanti u ta' kwalità għolja fil-livelli kollha fil-kumpaniji ta' kull daqs u settur u għall-persuni kemm fl-edukazzjoni inizjali kif ukoll f'dik kontinwa, imfassla skont il-ħtiġijiet individwali tagħhom; jisħaq li l-VET huma importanti biex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet fis-suq tax-xogħol tal-UE, biex l-istudenti żgħażagħ jiġu mgħammra bil-ħiliet li għandhom bżonn biex isibu impjieg, u biex il-ħaddiema jtejbu l-ħiliet u jitħarrġu mill-ġdid biex il-kompetenzi tagħhom jiġu allinjati mal-ħtiġijiet tal-impjegaturi, li huwa partikolarment importanti għall-SMEs u għall-investimenti ġodda fl-ekonomija; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jiġu promossi l-ħiliet ta' żvilupp personali biex l-individwi jiġu megħjuna jikbru kemm personalment kif ukoll professjonalment sabiex jimmassimizzaw il-potenzjal tagħhom;

2. Jitlob li l-VET jiġu kkoordinati mas-sistemi edukattivi formali u tradizzjonali u jiġu integrati bħala qasam ta' politika fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politiki tal-edukazzjoni kollha, fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, mingħajr ma jingħataw biss attenzjoni sekondarja jew isiru biss prijorità sekondarja; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-VET u l-edukazzjoni klassika jkunu komplementari u ugwali fil-prijorità;

3. Ifakkar, barra minn hekk, fl-importanza li l-VET jiġu ttrattati bħala għodda fundamentali għall-promozzjoni tal-integrazzjoni u l-inklużjoni għall-iżvilupp ta' soċjetà aktar koeżiva;

4. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġu modernizzati u estiżi b'mod sinifikanti l-politiki tal-VET biex dawn isiru aktar inklużivi, aċċessibbli, reżiljenti, attraenti u effettivi fl-appoġġ għal impjiegi ġusti, l-iżvilupp tal-kapital uman u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà; iqis li l-politiki tal-VET għandhom jgħammru lin-nies b'ħiliet bażiċi tajbin

([15]) Eurostat, *Statistika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali*, data estratta f'Settembru 2020.
([16]) Eurostat, *Statistika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali*, data estratta f'Settembru 2020.
([17]) Cedefop, *The benefits of vocational education and training* (Il-benefiċċji tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali), 2011.

u b'kompetenzi ewlenin sabiex ikunu jistgħu jadattaw għall-iżviluppi soċjoekonomiċi u tas-suq tax-xogħol attwali u futuri u għall-opportunitajiet u l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, it-tibdil demografiku u x-xejriet makro l-oħra kollha, u għandhom jilħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew; jisħaq fuq ir-rwol ewlieni tal-politiki tal-VET fit-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema kollha biex jaffrontaw dawn it-tranżizzjonijiet ewlenin aħjar;

5. Ifakkar li l-VET jikkontribwixxu għall-kompetittività u l-koeżjoni soċjali; jissottolinja l-ħtieġa li jiżdied l-investiment fil-kapital uman u fil-ħiliet u li tiġi pprovduta bażi ta' ħiliet rilevanti għall-ħajja tax-xogħol;

6. Ifakkar li l-miżuri ta' kontenIment stabbiliti biex iwaqqfu t-tixrid tal-pandemija tal-COVID-19 poġġew is-sistemi Ewropej tal-VET taħt pressjoni sinifikanti u lill-istudenti tagħha f'sitwazzjonijiet prekarji; jisħaq li t-tfixkil fil-VET qed jaggrava l-inugwaljanzi diġà eżistenti fl-edukazzjoni billi jnaqqas l-opportunitajiet għal ħafna mill-persuni l-aktar vulnerabbli tas-soċjetà, li jeħtieġ li jiġu appoġġjati b'investiment sostenibbli u miżuri mhux finanzjarji effettivi fis-settur; jisħaq, f'dan ir-rigward, li għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal VET ta' kwalità għolja, inkluż f'żoni remoti jew rurali fejn it-tagħlim mill-bogħod jista' jkun imxekkel minn nuqqas ta' kopertura tal-internet;

7. Jissottolinja li huwa kruċjali li jiġu pprovduti l-mezzi finanzjarji, l-assistenza teknika u l-gwida meħtieġa biex jiġi żgurat aċċess għall-apparat diġitali u s-soluzzjonijiet ta' tagħlim elettroniku għall-forniturI tal-VET, l-għalliema, il-ħarrieġa u l-istudenti; iħeġġeġ lill-Istati Membri jippromwovu mudelli ta' edukazzjoni flessibbli u appoġġ għall-istudenti mill-bogħod permezz ta' mezzi bħal riżorsi elettroniċi, materjal elettroniku, taħriġ online bla ħlas u – fuq kollox – tagħmir u internet broadband għall-iskejjel u l-unitajiet domestiċi kollha; jisħaq li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jagħtu attenzjoni speċjali lil soluzzjonijiet għall-unitajiet domestiċi li m'għandhomx aċċess għall-kompjuters u konnessjoni broadband tajba, u jinċentivawhom, sabiex jiġu evitati distakk diġitali u żieda fl-inugwaljanzi f'settur tal-edukazzjoni li fih huma rreġistrati ħafna studenti żvantaġġati;

8. Jibża' li se jkun hemm tnaqqis drammatiku fl-għadd ta' postijiet ta' taħriġ permezz ta' apprendistat fil-ħarifa li ġejja minħabba t-tnaqqis potenzjali fl-attivitajiet ta' taħriġ f'ħafna setturi, li tista' ġġib magħha l-kriżi tal-COVID-19; jissottolinja li dan in-nuqqas ta' opportunitajiet ta' taħriġ għaż-żgħażagħ jista' jwassal ukoll għal intensifikazzjoni tan-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati f'xi oqsma fuq perjodu ta' żmien medju; jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni jikkunsidraw kif it-taħriġ alternattiv iffinanzjat mill-istat jista' jiġi estiż b'mod sensibbli sabiex jitnaqqas id-distakk imminenti fil-postijiet ta' taħriġ permezz ta' apprendistat;

9. Jitlob li jkun hemm garanzija ta' kwalità li tiżgura li l-persuni li spiċċaw it-taħriġ u/jew l-edukazzjoni tagħhom matul il-kriżi tal-COVID-19 ikunu jistgħu jimlew kwalunkwe lakuna fit-taħriġ tagħhom billi (jerġgħu) jagħmlu korsijiet mit-traineeship jew l-apprendistat tagħhom anke wara li jiksbu l-lawrja tagħhom u/jew jispiċċaw it-traineeship jew l-apprendistat tagħhom, li jista' jkun li kellu jiġi kkanċellat jew imnaqqas jew sofra nuqqas b'xi mod ieħor waqt li kienu stabbiliti l-miżuri kontra l-COVID-19;

10. Jilqa' l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-VET għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza; jappoġġja l-għanijiet ġenerali tal-proposta biex tiġi modernizzata l-politika tal-UE dwar il-VET u jiġi kkonfermat ir-rwol ċentrali tal-VET fil-kontinwità tat-tagħlim tul il-ħajja u fl-adattament rapidu għal suq tax-xogħol li qed jinbidel b'pass mgħaġġel; jilqa' l-isforzi biex tiġi simplifikata l-governanza tal-VET, biex tiġi żviluppata strateġija ta' internazzjonalizzazzjoni u biex jiġu żgurati aktar opportunitajiet Ewropej ta' kooperazzjoni u mobilità għall-istudenti u l-għalliema; jenfasizza r-rwol ewlieni tal-ħiliet li jilħqu kull tip ta' ħaddiema fit-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika u diġitali;

11. Jilqa' l-objettivi kwantitattivi tal-proposta, jiġifieri li – sal-2025 – il-proporzjon ta' gradwati impjegati għandu jkun ta' mill-inqas 82 %, 60 % tal-gradwati reċenti mill-VET għandhom jibbenefikaw minn esponiment għal tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol matul il-VET tagħhom, u 8 % tal-istudenti tal-VET għandhom jibbenefikaw minn mobilità għat-tagħlim barra mill-pajjiż; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu perkorsi ta' tagħlim li jinkludu tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol; ifakkar li miri speċifiċi jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jistabbilixxu għanijiet u jagħmlu l-politiki tal-VET aktar inklużivi u adattati għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill kull ħames snin dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni;

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2020**

12. Jistieden lill-Kummissjoni tespandi l-programmi ta' mobilità utli għall-apprendisti, bħall-ErasmusPro, billi ssaħħaħ is-sinerġiji bejn il-programmi tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u Erasmus+ u billi tiżgura riżorsi adegwati fil-perjodu ta' programmazzjoni 2021-2027; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mira aktar ambizzjuża dwar il-mobilità għat-tagħlim barra mill-pajjiż għall-istudenti tal-VET; ifakkar li f'inizjattivi simili fil-qafas ET2020 u l-programm Erasmus għall-edukazzjoni għolja, il-mira dwar il-mobilità għall-gradwati tal-edukazzjoni għolja ġiet stabbilita għal 20 % għall-2020; jissottolinja li żieda fl-opportunitajiet ta' mobilità tista' tgħin biex jiġu estiżi n-networks personali, edukattivi u professjonali tal-apprendisti u biex il-VET isiru aktar attraenti, pjuttost milli jitqiesu bħala t-tieni għażla, u jiġi sfruttat il-potenzjal ta' mobilità tal-VET, li min-naħa tiegħu, jista' jikkontribwixxi għas-suċċess tal-programm Erasmus+ tal-ġejjieni;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi indikatur dwar id-diskrepanza fil-ħiliet fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, f'konformità mal-għanijiet u l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jista' jkun utli għal dawk li jfasslu l-politika nazzjonali tal-VET biex jidentifikaw fejn ikunu meħtieġa aktar sforzi u biex jikkoordinaw aħjar fil-livell tal-UE, biex jiġu rintraċċati l-evoluzzjonijiet u l-progress fid-diskrepanzi fil-ħiliet, u biex tiġi inċentivata l-konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri;

14. Jisħaq li kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati tajjeb u kanali ta' komunikazzjoni faċli biex jintużaw miż-żgħażagħ, bħall-midja soċjali, jista' jkollhom rwol deċiżiv biex jilħqu liż-żgħażagħ biex jgħollu l-profil tal-VET u jagħmluhom aktar attraenti; jissottolinja r-rwol kruċjali tal-iskejjel, speċjalment dawk primarji u dawk sekondarji tal-ewwel livell, biex jikkomunikaw il-possibbiltajiet offruti mill-VET, biex jagħmlu l-VET aktar attraenti u biex jagħmlu aktar biex jiggwidaw lill-istudenti żgħażagħ f'dawn il-mogħdijiet professjonali;

15. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jaħdmu mal-partijiet ikkonċernati biex ifasslu pjattaforma online tal-UE dwar il-VET, kif mitlub minn bosta fornituri tal-VET u minn dawk li jfasslu l-politika fi stħarriġ reċenti tal-UE ([18]), li għandha tiġi promossa kemm jista' jkun malajr; jappoġġja l-idea li pjattaforma bħal din tista' toffri opportunitajiet għan-networking u l-iskambju ta' prattiki tajba u tista' tipprovdi soluzzjonijiet diġitali, inkluż għat-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, u l-materjal kollu disponibbli għat-tagħlim online f'ambjent sikur, b'garanzija tal-kwalità u multilingwi; jissottolinja li pjattaforma tal-VET tista' tkun ir-rabta bejn il-pjattaformi taċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali (CoVEs) fil-livell tal-UE; jissuġġerixxi li l-pjattaforma għandha tkun marbuta ma' portal web tal-UE dwar il-VET, miftuħ għall-kontributi mill-partijiet ikkonċernati, sabiex tingħata viżibbiltà lill-attivitajiet u s-servizzi pprovduti mis-CoVEs lill-ekosistemi tagħhom, biex tintwera r-rikkezza tal-opportunitajiet offruti mill-VET lill-istudenti fil-livelli nazzjonali u tal-UE, u biex jiżdiedu l-isforzi ta' komunikazzjoni u tiżdied l-attraenza tal-VET;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-idea ta' portal web tal-UE dwar l-impjiegi ddedikat speċifikament għall-opportunitajiet ta' traineeship u apprendistat madwar l-UE, li jiġbor flimkien l-inizjattivi eżistenti simili kollha tal-UE b'mod aktar viżibbli, komprensiv u faċli għall-utent; iqis li dan l-istrument, jekk jiġi pubblikizzat b'mod adegwat permezz tal-kanali xierqa, jista' jsir punt ta' referenza għaż-żgħażagħ Ewropej, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni, u l-kumpaniji madwar l-UE; huwa tal-fehma li l-portal jista' jkun konness mal-VET, jgħin biex jiggwida t-talent taż-żgħażagħ fejn ikun l-aktar meħtieġ mill-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, iżid il-mobilità fl-UE, jindirizza l-qgħad fost iż-żgħażagħ, u jnaqqas id-diskrepanzi attwali u futuri fil-ħiliet; iqis li inizjattiva bħal din tista' tiġi appoġġjata mill-programmi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u Erasmus+ biex tkabbar l-impatt ta' dawk il-programmi, u tista' tkun komplementari u konnessa ma' inizjattivi oħra tal-UE bħall-Portal Ewropew dwar il-Mobilità fix-Xogħol (EURES), il-Europass u portal futur tal-UE dwar il-VET;

17. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni janalizzaw u jipprovdu appoġġ u soluzzjonijiet għat-talbiet magħmula mill-partijiet ikkonċernati tal-VET fl-istħarriġ reċenti tal-UE li twettaq mill-Kummissjoni bejn Marzu u Mejju 2020 dwar l-isfidi u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali; jappoġġja, b'mod partikolari, minbarra l-ħolqien ta' pjattaforma komuni tal-UE għall-VET, l-iżvilupp ta' sistemi ta' simulazzjoni tar-realtà virtwali u għodod diġitali oħra għall-edukazzjoni tal-VET bil-għajnuna ta' proġetti ta' riċerka u fażijiet ta' ttestjar, il-ħolqien ta' korsijiet vokazzjonali miftuħa online (VOOC), proġetti virtwali Ewropej bħal Erasmus virtwali, kanal YouTube tal-UE dwar il-VET għall-pubbliku ġenerali, il-ġimgħat Ewropej tat-taħriġ, u, barra minn hekk, li l-FSE u l-FSE+ ġejjieni jsiru aktar flessibbli u kapaċi jiffinanzjaw it-teknoloġija edukattiva, it-taħriġ għall-għalliema u l-ħarrieġa, u l-implimentazzjoni tat-tagħlim elettroniku;

([18]) Stħarriġ tal-Kummissjoni għall-Ġimgħa Ewropea tal-Ħiliet Vokazzjonali 2020, 9-13 ta' Novembru 2020.

18. Jissottolinja li t-tfixkil fl-għoti tal-VET ikkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 kellu impatt edukattiv u soċjali konsiderevoli fuq l-istudenti tal-VET, b'mod partikolari dawk minn sfondi żvantaġġati, u joħloq sfidi diffiċli għall-istudenti li jaħdmu l-aħjar taħt gwida diretta u fil-preżenza ta' għalliem; jenfasizza li dan m'għandux jitqies biss bħala problema iżda li jipprovdi wkoll opportunità unika biex jiġu modernizzati s-sistemi tal-VET permezz ta' innovazzjonijiet teknoloġiċi f'oqsma bħar-realtà virtwali, l-intelliġenza artifiċjali, Industrija 4.0 u l-Internet tal-oġġetti, kif ukoll żieda fl-użu tat-tagħlim online u mill-bogħod, apprendistati ibridi u assessjar alternattiv; jenfasizza li tali riformi jistgħu fl-aħħar mill-aħħar jikkontribwixxu biex is-sistemi tal-VET isiru aktar b'saħħithom, aktar reattivi, u aktar reżiljenti minn qabel il-kriżi tal-COVID-19 u jattrezzaw lill-istudenti u lill-ħaddiema għall-ħiliet u l-impjiegi ta' għada; jinnota, fl-istess ħin, li l-ħiliet diġitali avvanzati għall-għalliema, għall-ħarrieġa u għall-istudenti huma prerekwiżit ewlieni għal tagħlim online ta' kwalità għolja;

19. Jissottolinja l-ħtieġa urġenti li jiġu adottati l-miżuri kollha neċessarji biex jitnaqqas l-għadd ta' studenti li jitilqu mill-VET, biex jissaħħu l-inklużività u l-kwalità tal-VET, biex jiġi żgurat aċċess ugwali għal apprendistati ta' kwalità għall-istudenti żgħażagħ u adulti kollha u biex jiġi garantit aċċess ugwali u d-dritt għat-taħriġ tal-impjegati għall-ħaddiema kollha fil-kumpaniji kollha ta' kull daqs u settur, b'enfasi speċifika fuq l-SMEs;

20. Jilqa' l-idea li jiġu żviluppati opportunitajiet ta' mobilità virtwali biex jingħelbu r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-fornituri tal-VET jiffaċilitaw opportunitajiet ta' tagħlim mingħajr post, inkluż fil-ġejjieni, biex l-istudenti f'żoni remoti u rurali jew barra mill-pajjiż ikunu jistgħu jaċċessaw korsijiet madwar l-UE mingħajr restrizzjonijiet tal-post, fejn dan ikun fattibbli;

21. Ifakkar li l-involviment tal-parteċipanti rilevanti kollha fit-tfassil tal-politika u t-twettiq tal-VET jgħin biex jiġi żgurat li l-VET jindirizzaw l-ħtiġijiet tal-ħiliet fis-suq tax-xogħol u jikkontribwixxu għal implimentazzjoni aħjar tal-politika; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, jikkooperaw mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha bħas-sħab soċjali, l-intraprizi, inklużi l-MSMEs, l-intraprizi tal-ekonomija soċjali, bħall-kooperattivi u l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, il-fornituri tal-VET u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, l-istudenti tal-VET, l-għaqdiet tal-istudenti tal-VET, iċ-ċentri tar-riċerka, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi, l-ispeċjalisti fil-qasam tal-gwida vokazzjonali u l-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jikkoordinaw fil-livell tal-UE għal interkonnessjonijiet aħjar bejn sistemi differenti u biex jiskambjaw l-aqwa prattiki; jitlob li jiġu stabbiliti ekosistemi lokali, inklużi l-partijiet ikkonċernati msemmija hawn fuq, sabiex jiġu rinforzati l-kwalità, il-kwantità, l-inklużività u r-reputazzjoni tal-VET bħala għażla pożittiva; jissottolinja l-ħtieġa li fost l-applikanti potenzjali jiġu promossi b'mod attiv l-opportunitajiet ta' impjieg marbuta mal-VET u li l-istudenti jiġu diretti lejn setturi li m'għandhomx impjegati bi kwalifiki tal-VET; jisħaq li konnessjoni b'saħħitha bejn il-VET u d-dinja tax-xogħol hija essenzjali; jisħaq li t-taħriġ offrut għandu jaqdi l-isfidi u l-ħtiġijiet lokali;

22. Isostni li pedament edukattiv b'saħħtu li jipprovdi lill-istudenti b'għarfien wiesa' u ħiliet bażiċi fil-litteriżmu, in-numeriżmu u l-komunikazzjoni, ħiliet diġitali u ħiliet personali, bħall-ħsieb kritiku, is-soluzzjoni tal-problemi u l-intelliġenza emozzjonali, iservi bħala l-bażi għal aktar tagħlim u taħriġ fuq il-post tax-xogħol u huwa essenzjali għall-futur taż-żgħażagħ kemm bħala ħaddiema kif ukoll bħala individwi, billi jippermettilhom li jadattaw għat-talbiet li jinbidlu matul il-ħajja professjonali tagħhom;

23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' definizzjoni komuni trasparenti tal-mikrokredenzjali; jemmen li l-mikrokredenzjali jistgħu jkunu komplementari biss għall-kwalifiki sħaħ u jridu jkunu ta' kwalità garantita, akkreditati u bbażati fuq metodu ta' twassil, proċedura ta' assessjar u tul ta' żmien standardizzati; jissottolinja l-importanza fundamentali ta' rekwiżiti ta' kwalità definiti sewwa tal-fornituri tal-mikrokredenzjali;

24. Ifakkar fil-valur intrinsiku tal-edukazzjoni lil hinn mir-rwol tagħha għas-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu aktar enfasi fuq ir-rwol tal-edukazzjoni lil hinn mill-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, filwaqt li jqisu l-iżvilupp tal-għarfien u l-ħiliet li jappoġġjaw l-iżvilupp personali, il-benesseri u ċ-ċittadinanza attiva;

25. Jistieden lill-Istati Membri jfasslu, bl-involviment tas-sħab soċjali, sistemi ta' VET ta' kwalità u inklużivi u politiki ta' tagħlim għall-adulti bil-għan li jittejbu l-ħiliet u l-kompetenzi tal-adulti bi kwalifiki baxxi, kemm ħaddiema kif ukoll persuni qiegħda, li jeħtieġu appoġġ urġenti biex jaċċessaw impjiegi ta' kwalità;

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2020**

26. Jappoġġja l-istabbiliment u l-promozzjoni ta' strutturi rappreżentattivi għall-istudenti tal-VET fil-livelli kollha sabiex l-istudenti tal-VET jingħataw vuċi fil-ġestjoni tal-iskemi tal-VET u b'hekk jgħinu biex tittejjeb il-kwalità tal-programmi tal-VET;

27. Jappoġġja l-promozzjoni proposta ta' CoVEs li jlaqqgħu flimkien firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati tal-VET u sħab lokali; jissottolinja li tali ċentri jistgħu jkunu xpruni għall-innovazzjoni, il-kwalità u l-inklużività u jiffaċilitaw l-iskambju ta' prattiki tajba, irawmu t-tagħlim reċiproku u jgħinu fit-titjib tal-kwalità u l-għoti tal-VET madwar l-UE; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw investiment qawwi fl-iżvilupp ta' dawn iċ-ċentri u fl-istituzzjonijiet kollha tal-VET u jfakkar li l-appoġġ għas-CoVEs permezz tal-programm Erasmus+ jirrikjedi baġit ambizzjuż għall-programm; jistieden lill-Istati Membri jieħdu aktar miżuri biex ilaqqgħu flimkien u jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex jgħinu biex tiżdied ir-rilevanza u l-kwalità tal-edukazzjoni f'dawn iċ-ċentri u biex iqabblu aħjar il-provvista u d-domanda tal-ħiliet u jappoġġjaw lil min iħaddem biex isib soluzzjonijiet ta' faċilitajiet ta' taħriġ vokazzjonali; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu lis-CoVEs il-forza li tixpruna l-iżvilupp ta' kwalifiki, kurrikuli u diplomi konġunti Ewropej tal-VET; jistieden, barra minn hekk, lill-Istati Membri jrawmu strateġiji ta' kooperazzjoni reġjonali bil-għan li jfasslu programmi transfruntieri bil-għan li jiffaċilitaw il-mobilità tal-istudenti u l-ħaddiema u jtejbu l-kooperazzjoni territorjali u reġjonali, inkluż permezz tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

28. Jemmen bis-sħiħ li l-istudenti kollha għandu jkollhom aċċess għal kurrikulu bilanċjat, rigoruż u impenjattiv mil-lat konjittiv u bbażat fuq l-għarfien, billi din hija l-aħjar tħejjija possibbli kemm għall-istudji vokazzjonali kif ukoll għal dawk akkademiċi, li tiggarantixxi li ż-żgħażagħ li jagħżlu programm ta' VET ikunu għamlu dan minħabba li din kienet l-għażla jew il-vokazzjoni tagħhom pjuttost milli minħabba riżultati baxxi jew l-inabbiltà li jsegwu għażliet akkademiċi oħra; jissottolinja li l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi għandhom jiġu integrati fil-kurrikuli edukattivi kollha, filwaqt li jiġi rikonoxxut li huma ħiliet bażiċi għall-istudenti kollha; ifakkar fid-dikjarazzjoni tas-Cedefop li l-adattament tal-kurrikuli u l-inklużjoni tas-sensibilizzazzjoni ambjentali, b'fehim tal-iżvilupp sostenibbli u l-effiċjenza fin-negozju, huma aħjar mit-tfassil ta' programmi ta' taħriġ kompletament ġodda;

29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw finanzjament xieraq għall-politiki tal-VET, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, sabiex jiggarantixxu l-investimenti meħtieġa biex is-sistemi tal-VET isiru aktar moderni, reżiljenti, attraenti u inklużivi; jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar finanzjament għall-mobilità tal-VET għall-istudenti u l-għalliema, inkluż f'Erasmus +; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw inċentivi biex jgħinu lill-SMEs jinkoraġġixxu lill-istudenti tal-VET biex jieħdu sehem fil-mobilità Ewropea; jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar finanzjament għaċ-ċentri ta' taħriġ biex jiffinanzjaw timijiet iddedikati bil-kompitu tal-organizzazzjoni prattika tal-mobilità; jistieden lill-Kummissjoni torganizza kampanja madwar l-UE kollha speċifika għall-SMEs biex tissottolinja l-benefiċċji għall-prosperità tagħhom tal-mobilità vokazzjonali 'l ġewwa u 'l barra;

30. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar programmi bħall-Ġemellaġġ elettroniku u l-Pjattaforma Elettronika għat-Tagħlim tal-Adulti fl-Ewropa (EPALE), li jservu biex jippromwovu n-networking u l-kooperazzjoni bejn l-iskejjel; ifakkar li dawn il-proġetti jistgħu jgħinu fl-implimentazzjoni tal-kurrikuli ewlenin u jgħinu sabiex jinkoraġġixxu lill-istudenti li huma riluttanti li jitgħallmu mill-bogħod biex jipparteċipaw;

31. Jistieden lill-Istati Membri jiddedikaw attenzjoni speċifika lit-taħriġ kontinwu u l-iżvilupp professjonali tal-għalliema u l-ħarrieġa fil-VET, biex dawn ikunu jistgħu jaqdu r-rwoli u r-responsabbiltajiet dejjem aktar multifunzjonali tagħhom bħala xpruni għall-kwalità u l-innovazzjoni fl-edukazzjoni; ifakkar li huwa importanti li l-għalliema tal-VET ikollhom ħiliet diġitali ta' kwalità għolja u t-tagħmir teknoloġiku xieraq għad-dispożizzjoni tagħhom biex ikunu jistgħu jisfruttaw b'mod sħiħ l-opportunitajiet offruti mill-edukazzjoni diġitali u jgħinu biex l-istudenti jiġu mgħammra bil-ħiliet meħtieġa mit-tranżizzjoni diġitali; jissottolinja li r-rappreżentanti tal-fergħat u l-kumpaniji li jikkooperaw fil-VET irid ikollhom kompetenzi pedagoġiċi; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżviluppaw aħjar l-opportunità għall-għalliema tal-VET biex iwettqu wkoll riċerka matul il-karriera tagħhom, billi dan jista' jippermettilhom jiskambjaw u jistimulaw l-aħjar prattiki u jgħin biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka;

32. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-mudell tal-VET doppju, li jista' jagħmilha ferm aktar faċli għaż-żgħażagħ biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, speċjalment meta mqabbel mal-edukazzjoni ġenerali, minħabba li t-taħriġ li jgħaqqad it-tagħlim strutturat fuq il-post tax-xogħol mat-teorija jwassal għal ħiliet iċċertifikati li huma rilevanti għall-impjegaturi u trasferibbli għas-suq tax-xogħol; jissottolinja, f'dan il-kuntest, il-potenzjal tas-soluzzjonijiet diġitali, li jistgħu jagħtu kontribut pożittiv għal sistema doppja effettiva;

33. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, meta jkunu qegħdin ifasslu l-VET, biex jieħdu vantaġġ aħjar mill-iżvilupp tas-settur tal-impjiegi ekoloġiċi, biex joħolqu apprendistati b'ħiliet għoljin sabiex jipprovdu liż-żgħażagħ b'għarfien u taħriġ speċjalizzati, u biex jgħinu sabiex jiġu indirizzati l-livelli għolja ta' qgħad fost iż-żgħażagħ;

34. Iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jintegraw l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetenzi u l-ħiliet ambjentali fis-sistemi tat-taħriġ u tal-edukazzjoni, b'mod partikolari bit-tisħiħ tas-sistemi tal-VET u billi ċ-ċentri tar-riċerka jiġu mħeġġa jiżviluppaw teknoloġiji, proġetti u privattivi għal prodotti ekoloġiċi, b'kollaborazzjoni ma' kumpaniji ekoloġiċi ġodda; iħeġġeġ l-iskambji ta' ideat bejn iċ-ċentri tar-riċerka u n-networks ta' kumpaniji u professjonisti; ifakkar fl-importanza tal-ħiliet tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u l-ħtieġa li jiġi żgurat li aktar nisa jistudjaw is-suġġetti STEM;

35. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu s-sistemi ta' antiċipazzjoni tal-ħiliet biex jidentifikaw aħjar il-bidliet emerġenti u l-ħtiġijiet tal-ħiliet sabiex is-sistemi tal-VET ikunu infurmati aħjar dwar fejn huma meħtieġa investimenti fil-ħiliet u jirrispondu aħjar għat-tibdil fil-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u biex jiżguraw li l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja jkunu dritt għal kulħadd; jisħaq li l-VET ikunu aktar effettivi jekk ikunu bbażati fuq previżjoni solida tal-ħiliet li tippermetti li jiġu antiċipati u identifikati d-diskrepanzi fil-ħiliet u li l-programmi vokazzjonali u ta' taħriġ tul il-ħajja jkunu mfassla għal suq tax-xogħol orjentat lejn il-futur; jemmen li l-programmi tal-VET għandhom isiru aktar flessibbli u adattabbli biex jirrispondu u jirreżistu għall-varjazzjonijiet fis-suq tax-xogħol, u jippermettu orjentazzjoni intelliġenti u mmirata tal-istudenti tal-VET, għat-taħriġ inizjali kif ukoll għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-istudenti adulti, sabiex jitnaqqsu d-diskrepanzi fil-ħiliet u l-obsolexxenza tal-ħiliet;

36. Jitlob li jiġu stabbiliti politiki dwar il-liv bi ħlas għall-edukazzjoni f'konformità mal-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Liv bi Ħlas għall-Edukazzjoni, li tippermetti li l-ħaddiema jattendu programmi ta' taħriġ matul il-ħinijiet tax-xogħol u mingħajr spejjeż personali, sabiex jiġi promoss it-tagħlim tul il-ħajja;

37. Jistieden lill-Istati Membri, il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali jadottaw u jimplimentaw, flimkien mas-sħab soċjali u l-fornituri tat-taħriġ, strateġiji għall-iżvilupp u l-antiċipazzjoni tal-ħiliet bil-għan li jittejbu l-ħiliet ġeneriċi, settorjali u dawk speċifiċi għall-impjieg; jinnota li dawn l-istrateġiji għandhom jinkludu valutazzjoni bir-reqqa tat-tip u l-livell ta' impjiegi li għandhom joħolqu u l-ħiliet u l-għarfien meħtieġa, li twassal għall-antiċipazzjoni u l-identifikazzjoni tad-diskrepanzi fil-ħiliet u programmi mmirati ta' taħriġ vokazzjonali u tul il-ħajja li jiffukaw fuq it-tqabbil tal-ħiliet u l-impjiegi, bil-għan li jiżdiedu l-impjiegi;

38. Jilqa' r-rakkomandazzjoni li l-fornituri tal-VET għandhom jiksbu livell xieraq ta' awtonomija, flessibbiltà, appoġġ u finanzjament; ifakkar li l-indipendenza finanzjarja u strateġika tal-fornituri tal-VET hija importanti biex jadattaw malajr għall-bidliet fid-domanda għall-ħiliet u għall-opportunitajiet u l-isfidi li jirriżultaw mit-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi; jistieden lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex joħolqu programmi ta' taħriġ kwalifikat fis-setturi li m'għandhomx forza tax-xogħol adegwata, bħas-setturi tas-saħħa u l-kura, l-agrikoltura, il-kostruzzjoni, is-settur ambjentali u l-ekonomija ċirkolari;

39. Jistieden lill-Istati Membri jagħmlu enfasi akbar biex is-sistemi tal-VET isiru aktar inklużivi u aċċessibbli għal kulħadd matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, inklużi l-gruppi vulnerabbli, bħall-persuni b'diżabilità, l-NEETs, il-ħaddiema akbar fl-età, il-persuni qiegħda fit-tul, l-adulti bi kwalifiki baxxi u b'ħiliet baxxi, il-ħaddiema spostati, il-minoranzi u l-gruppi etniċi, il-persuni bi sfond ta' migranti, ir-rifuġjati, u persuni b'anqas opportunitajiet minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom; jitlob li jittieħdu miżuri konkreti biex jiġi żgurat li l-persuni minn sfondi soċjoekonomiċi żvantaġġati, li spiss isibu ruħhom f'ċirku vizzjuż ta' faqar, ikollhom aċċess għall-VET f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; iħeġġeġ lill-Istati Membri li qed jiffaċċjaw tnaqqis demografiku jiżguraw li ż-żgħażagħ jibbenefikaw minn programmi tal-VET, b'mod partikolari bħala perkors għal impjieg ta' kwalità; jissottolinja li azzjonijiet preventivi bħall-valutazzjonijiet tal-ħiliet u l-gwida vokazzjonali u dwar il-karrieri, jistgħu jnaqqsu l-għadd ta' NEETs fuq perjodu ta' żmien aktar fit-tul u jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-kumpaniji u s-setturi li qegħdin ibatu minn nuqqas ta' ħiliet;

**Il-Ħamis 17 ta' Diċembru 2020**

40. Jilqa' s-suġġeriment li s-sistemi tal-VET għandu jkollhom rwol daqstant ieħor importanti għall-adulti li jeħtieġu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid kontinwi; jistieden lill-Kummissjoni tadotta approċċ olistiku għall-VET u t-tagħlim għall-adulti li jinkludi t-tagħlim formali, mhux formali u informali; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu l-VET aktar attraenti u aċċessibbli għall-istudenti adulti u jistabbilixxu rabtiet aktar b'saħħithom u kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn il-VET għall-adulti u t-tagħlim mhux formali għall-adulti sabiex jiġu promossi l-kompetenzi ewlenin, inklużi ħiliet bażiċi tajba, ħiliet diġitali, u ħiliet trasversali, ekoloġiċi u ħiliet oħra għall-ħajja li jipprovdu pedamenti b'saħħithom għar-reżiljenza, l-impjegabbiltà tul il-ħajja, l-inklużjoni soċjali, iċ-ċittadinanza attiva u l-iżvilupp personali; jisħaq li l-isforzi biex jittejbu l-perċezzjoni u l-inklużività tal-programmi tal-VET jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn sforzi biex jissaħħaħ il-valur edukattiv tagħhom u biex tiżdied il-kwalità u r-rispett għad-drittijiet soċjali u tax-xogħol tal-apprendisti;

41. Jisħaq fuq l-importanza li jintlaħqu l-persuni f'żoni rurali u remoti u li l-VET isiru aċċessibbli u mfassla għall-persuni li jaħdmu fl-agrikoltura, is-sajd, il-forestrija u impjiegi oħra f'dawk ir-reġjuni, u li dawn jiġu pprovduti l-ħiliet kollha meħtieġa, inklużi l-ħiliet ekoloġiċi u diġitali, biex jaħtfu aħjar l-opportunitajiet preżenti u futuri offruti mill-ekonomija ekoloġika u l-ekonomija blu u biex ikunu jistgħu jagħtu kontribut importanti għall-preservazzjoni tal-ambjent;

42. Jissottolinja li t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol u l-promozzjoni u l-implimentazzjoni tas-sistema doppja tal-VET għandhom ikunu prijoritajiet tal-programm Erasmus il-ġdid;

43. Jistieden lill-Istati Membri, f'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, ikomplu jindirizzaw il-preġudizzju tal-ġeneri u l-għażliet stereotipiċi bbażati fuq il-ġeneru billi jiżguraw u jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa fit-taħriġ vokazzjonali għal dawk li normalment huma professjonijiet tradizzjonali "maskili" u tal-irġiel fi professjonijiet "femminili"; jitlob li tissaħħaħ id-dimensjoni tal-ġeneru fl-isforzi biex jiġu modernizzati s-sistemi tal-VET u biex it-tagħlim kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll barra minnu jsir aktar aċċessibbli għall-impjegati nisa u dawk bi dmirijiet ta' ħarsien tal-familja, mhux l-anqas f'setturi fejn in-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed, b'mod partikolari s-setturi diġitali, STEM u ekoloġiċi, sabiex tiġi miġġielda s-segregazzjoni tas-sessi fl-edukazzjoni u fl-impjieg u jiġu miġġielda l-istereotipi tal-ġeneru;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, meta jagħmlu t-tranżizzjoni għall-ekonomija ekoloġika, biex iqisu l-ħtiġijiet tan-nisa u l-bniet għal opportunitajiet aħjar ta' tagħlim tul il-ħajja, speċjalment f'oqsma li għandhom potenzjal konsiderevoli li jipprovdu għadd sinifikanti ta' impjiegi ekoloġiċi ġodda, bħax-xjenza, ir-riċerka, l-inġinerija, it-teknoloġija diġitali u t-teknoloġiji ġodda, bil-għan li tissaħħaħ il-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà, jiġu eliminati l-istereotipi tal-ġeneru u jiġu pprovduti impjiegi li jikkorrispondu b'mod sħiħ għall-ħtiġijiet u l-ħiliet partikolari tan-nisa;

45. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-parteċipazzjoni fil-VET permezz ta' kampanji li jenfasizzaw il-benefiċċji għall-individwu u għal min iħaddem u billi jipprovdu inċentivi, inklużi inċentivi fit-tul, biex ikopru xi whud mill-ispejjeż tal-apprendistati għal min iħaddem; jirrikonoxxi l-importanza ta' inizjattivi bħall-kompetizzjonijiet tal-WorldSkills, li jagħmlu impatt ewlieni f'termini tal-perċezzjoni pożittiva tal-VET, il-promozzjoni ta' impjiegi ġodda u ħiliet ġodda, it-tħeġġiġ taż-żgħażagħ biex jibdew karrieri fil-qasam tal-VET, l-adattament tas-sistemi tal-VET għall-ekonomija moderna, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-edukazzjoni, min iħaddem u s-suq tax-xogħol;

46. Jilqa' l-objettiv taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni li tiżviluppa spazju Ewropew ġenwin għat-tagħlim fejn l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi bl-ebda mod ma jkunu mxekkla mill-fruntieri; iqis li r-rakkomandazzjoni għandha tissodisfa dan l-għan;

47. Jilqa' l-proposta biex tiżdied il-flessibbiltà tal-programmi tal-VET, li jintużaw il-mikrokredenzjali u li tiżdied il-permeabbiltà ma' setturi edukattivi oħra, billi din iż-żieda fil-flessibbiltà tippermetti li l-programmi tal-VET jiġu mfassla skont il-ħtiġijiet individwali, filwaqt li jiġu rispettati l-kwalifiki sħaħ; jinnota li din l-inizjattiva tippermetti wkoll it-trasferimenti tar-rikonoxximent u l-akkumulazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim; jilqa', f'dan ir-rigward, l-idea tal-profili vokazzjonali ewlenin Ewropej u tal-integrazzjoni mal-pjattaforma tal-Europass, inkluż ma' kontijiet ta' tagħlim individwali futuri, li għandhom iservu biex jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tal-kwalifiki u l-mobilità; jissottolinja li l-kurrikuli jeħtieġ li jistabbilixxu l-bażi li tippermetti lill-persuni jgħaddu minn perkors akkademiku għal perkors vokazzjonali, inklużi l-kompetenzi li jiksbu; jisħaq li l-istruttura tal-kwalifiki jeħtieġ li tippermetti l-komparabbiltà; jissottolinja li l-kurrikuli jeħtieġ li jipprovdu wkoll għall-impjegabbiltà futura tal-individwu billi jantiċipaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet fuq perjodu medju u twil ta' żmien; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu aktar modularizzazzjoni tal-VET sabiex jinbnew aktar pontijiet bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ; jisħaq fuq l-importanza tas-sistema ECVET, li pprovdiet rikonoxximent aħjar tal-eżiti tat-tagħlim miksuba matul il-perjodi ta' mobilità; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw l-iżvilupp tas-sistema ta'

krediti ECTS għall-VET; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-programmi tal-VET ikunu jistgħu joħolqu livelli ogħla ta' ħiliet;

48. Jilqa' d-dispożizzjonijiet qafas tal-EQAVET u jitlob li ssir valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom; jilqa' l-integrazzjoni tal-qafas EQAVET u l-elementi li jindirizzaw in-nuqqasijiet tal-implimentazzjoni tiegħu fir-rakkomandazzjoni, b'mod speċifiku fir-rigward tal-istandards ta' kwalità, u l-inklużjoni ta' prinċipji ewlenin tal-ECVET biex jappoġġjaw il-flessibbiltà u l-mobilità, żviluppati fil-qafas ta' strumenti oħra bħal Erasmus+;

49. Jilqa' s-sinerġiji kollha possibbli u rwol akbar għall-VET fl-ambitu tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, fid-dawl tal-effikaċja tagħha fit-tħaffif tat-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ f'riskju ta' qgħad u esklużjoni soċjali;

50. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu t-tagħlim tal-lingwi fis-sistemi tal-VET billi n-nuqqas ta' profiċjenza f'dan il-qasam huwa impediment ewlieni għall-mobilità, filwaqt li l-għarfien tajjeb ta' diversi lingwi huwa ta' valur miżjud fis-swieq tax-xogħol;

51. Jissottolinja li kwalunkwe titjib fl-għoti tal-VET jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn titjib fl-aċċess għall-informazzjoni, il-pariri u s-servizzi ta' gwida f'format aċċessibbli għall-istudenti adulti kollha u l-istudenti minn età bikrija;

52. Jisħaq li l-apprendistati huma parti vitali mill-programmi tal-VET; iħeġġeġ lill-Istati Membri jagħmlu aktar sforzi biex jiżguraw apprendistati ta' kwalità għolja, diversifikati u mfassla apposta, inkluża remunerazzjoni ġusta, li jkunu allinjati mal-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'mod partikolari d-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, inkluż li jiġi żgurat ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u t-taħriġ; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tirrevedi l-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-mobilità fil-VET billi jħaffu l-prerekwiżiti amministrattivi nazzjonali għall-istudenti barranin tal-VET; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jaħdmu favur il-ħolqien ta' Statut Ewropew tal-Apprendistat;

53. Jisħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-objettivi tar-rakkomandazzjoni jkunu allinjati mal-politika u l-qafas leġiżlattiv attwali fil-kuntest tal-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa, b'attenzjoni partikolari għall-investiment fil-ħiliet, l-edukazzjoni u t-taħriġ permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u REACT-EU, kif ukoll l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet, il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, Erasmus+ u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ;

54. Jissottolinja l-ħtieġa li jittejjeb l-istħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati tal-VET, billi fehim aħjar tal-prestazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol huwa wieħed mill-modi ewlenin kif jiġu valutati u mtejba l-kwalità u r-rilevanza tal-VET għas-suq tax-xogħol, flimkien mal-previżjonijiet dwar il-provvista u d-domanda tal-ħiliet;

55. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu r-riżorsi allokati għad-diġitalizzazzjoni tal-programmi tal-VET u għall-istħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati;

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.